**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Frar, 2017

Rikors Guramentat numru : 33/16 AL

**A B f'ismu proprio**
**u ghan-nom ta' ibnu minuri Z B**
**vs.**

**Avukat Dottor Mark Mifsud Cutajar u**
**P.L. Jean Pierre B b'digriet**
**tad-9ta' Dicembru 2015 nominati bhala**
**kuraturi deputati biex jirrapprezentaw**
**lill-assenti C D,**
**Passaport Russu Nru. 51 No 4347194**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

**(1)** Illi l-kontendenti ilhom f'relazzjoni hawn Malta ghal dawn l-ahhar hdax il-sena u mil-liema relazzjoni fil-11 ta Settembru 2008 tweldilhom tifel jismu Z B skond certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala **dokument A.**

(2) Illi waqt vaganza fir-Repubblika Ceka fl-1 ta' Dicembru 2015, l-intimata b'mod abbusiv u llegali ghebet flimkien mal-iben minuri Z b'dan li hija waqfet kompletament kull komunikazzjoni li l-minuri kellu ma' missieru kif ukoll waqfet kull komunikazzjoni li hija kellha mal-attur.

(3) Illi b'digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Dicembru 2015 li kopja tieghu qed tigi hawn anness din il-Qorti wara li rat l-atti kollha, laqghet it-talba tal-attur li fl-interess suprem tal-minuri, l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn l-attur u dan ai termini tal-Artikolu 56, 56A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond **dokument B** hawn anness.

(4) Illi fil-15 ta' Dicembru 2015 il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) laqghet it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat ta' Inibizzjoni nru. 1897/15 kontra l-intimata fejn hija giet ordnata biex ma tiehux jew tippermetti li l-bin minuri Z B jitlaq minn Malta u dan skond **dokument C** hawn anness.

(5) Illi fil-15 ta' Dicembru 2015 il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) laqghet it-talba ghall-hrug ta' passaport ghal minuri Z B liema passaport kellu jigi konsenjat lill-attur u liema passaport kellu jinhareg ghal xahrejn li sussegwentement gie estiz ghal sitt xhur bl-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti hawn anness u mmarkat bhala **dokument D.**

(6) Illi meta l-intimata giet notifikata bl-ordni tal-Qorti Ceka li hija ma kellhiex titlaq mir-Repubbklika Ceka bil-minuri Z B u biex il-missier ikollu access ghal ibnu minuri Z B sakemm il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni tigi deciza mill-Qorti Ceka, hija b'mod abbusiv u llegali hija ttentat li taghmel dan.

(7) Illi l-bin minuri instab fil-Polonja fid-29 ta' Jannar 2016 u dan wara li l-intimata giet imwaqqfa mill-tohrog mill-Unjoni Ewropea fuq il-fruntiera bejn il-Polonja u l-Belarus bl-intendiment li hija tahrab ghal gor-Russja bil-bin minuri u

dan stante l-proceduri li kienu ttiehdu mill-missier taht il-Hague Convention.

(8) Illi meta l-Awtoritajiet Pollakki rrizultalhom li A B kellu l-kustodja solita tal-bin minuri, huma kkonsenjaw lit-tifel minuri li gie mharrab minn Malta minn ommu l-intimata f'idejn missieru u rritorna b'ibnu lura Malta fit-30 ta' Jannar 2016.

(9) Illi fl-1 ta' Frar 2016, inghalqu l-proceduri tal-medjazzjoni quddiem din il-Qorti u l-esponenti gie awtorizzat sabiex jipprocedi skond il-ligi.

(10) Illi l-bin minuri dejjem ghex Malta minn twelidu, jmur l-iskola San Andrea, l-Mselliet, Malta u ghalhekk ir-residenza tal-minuri skond il-ligi u fl-interess supreme tal-minuri ghandha tkun MALTA.

Talab prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet permessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) **Tiddikjara u tiddeciedi** l-l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata permanentement f'idejn il-missier fl-interess supreme tal-minuri Z B u dan ai termini ta' l-Artikolu 56 u 56A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u kull provvediment tal-ligi iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

(2) **Tiddikjara u tiddeciedi** li r-residenza tal-minuri Z B ghandha tkun fir-residenza tal-attur.

(3) **Tordna** lid-Direttur tal-Passaporti biex johrog passaport ghal minuri A dam B li jibqa' validu ghal sentejn skond il-ligi u li ghandu jigu renovat regolarment skond il-ligi minghajr il-bzonn tal-awtorizzazzjoni tal-intimata.

(4) **Tordna** li l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 1897/15 b' mod permanenti kontra l-intimata milli hija jew tippermetti lil xi hadd jiehu jew johrog lil minuri Z B barra minn Malta.

Bl-ispejjez komprizi dawk il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja minn fejn inhargu d-digrieti biex jipprocedi skond il-ligi u bl-ingunzjoni tal-intimata ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Mark A Mifsud Cutajar u il-PL Jean Pierre B, li permezz taghha eccepew;

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Mark A Mifsud Cutajar u il-PL Jean Pierre B;

Rat d-dokumenti kollha esebiti inkluż il-kopja legali tal-Mandat t'Inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tieħu minuri barra minn Malta, fl-ismijiet premessi u akkordat nhar il-15 ta' Diċembru 2015[1].

Rat l-affidavits kollha esebiti[2];

Rat illi l-partijiet laħqu ftehim dwar il-mertu tal-kawża odjerna, liema abbozz kien ġie approvat mill-Qorti nhar it-23 ta' Mejju 2016, u in segwitu ġie ffirmat mill-attur u mill-konvenuta assenti personalment fil-preżenza tan-Nutar Pubbliku Malti Dr. James Grech nhat it- tlieta (3) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016)[3];

---

[1] Fol. 10

[2] Fol. 24 et. seq.

[3] Kopja tiegħu tinsab esebita fol. 48 tal-proċess

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2016[4], id-difensuri tal-attur talbu li l-kawża tista' tmur għas-sentenza u l-istess ftehim ikun inkorporat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti.

Ikkunsidrat illi l-kuntratt li kopja tiegħu tinsab in atti għandu r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi tagħna biex ikun validu u effettiv. Illi l-imsemmi kuntratt diġa għandu l-forza ta' liġi bejn il-partijiet u għaldaqstant ikun superfluwu li l-istess kuntratt jiġi nkorporat fil-preżenti;

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi, in vista tal-kuntratt bejn il-partijiet:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba tal-attur;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tal-attur;

3. Tilqa' t-tielet talba tal-attur billi tordna lid-Direttur tal-Passaporti sabiex joħroġ u/jew iġedded il-passaport tal-minuri Z B, imwieled nhar il-11 ta' Settembru 2008, iben il-partijiet, mingħajr il-ħtieġa tal-approvazzjoni u/jew tal-kunsens ta' ommu C D; Illi l-istess passaport għandu jkun ikkonsenjat biss lill-attur A B K.I. 385655(M);

4. Tilqa' r-raba' talba tal-attur billi tordna b'mod permanenti, **sal-10 ta' Settembru 2026** ossia l-aħħar ġurnata li Z B ikun għadu minorenni, l-ħruġ tal-Mandat t'Inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tieħu minuri barra minn Malta innumerat elf tmien mija u sebgħa u disgħin tas-sena elfejn u ħmistax (**1897/15**) iżda dana **biss** fil-konfront tal-intimata C D bint Vitaliy Leontiev u Augusta D, imwielda ġewwa Berezniki, ir-Russja; Illi l-minuri joħroġ minn Malta biss ma' missieru l-attur A B K.I. 385655(M), jew ma' kwalsiasi persuna oħra debitament awtorizzata mill-attur;

---

[4] Verbal fol. 59

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta assenti, b'dan illi l-attur għandu provvizorjament iħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.